# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 17 ta' Jannar tas-sena 2002.**

**Numru 9**

**Avviz numru 1558/00/SM**

**Elmo Insurance Agency Ltd ghan-nom tal-kumpanija estera Royal & Sun Alliance Insurance plc (cessjonarja fid-drittijiet u obbligi tal-kumpanija Sun Alliance & London Insurance plc) bhala surrogata bil-polza u bil-ligi fid-drittijiet tal-assikurat taghha Simon Zammit u l-istess Simon Zammit.**

**vs**

**Vincent Farrugia**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat id-9 ta' Novembru tas-sena 2000 li permezz tieghu l-atturi sejhu lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun:**

**1. Dikjarat responsabbli ghall-kollizjoni li grat fid-29 ta' Awissu 1998 Zabbar Road kantuniera ma' Triq ir-Rihan, Paola, bejn il-vettura BA0 342 misjuqa minn Mario Campolo, assigurata mill-attur Zammit mal-kumpanija attrici, u l-vettura JAH 101 misjqua minnu billi l-istess kollizjoni grat minhabba l-imprudenza, negligenza u nuqqas ta' osservanza ta' regolamenti da parti tieghu, u ghalhekk responsabbli ghad-danni konsegwenzjali;**

**2. Ikkundannat jhallas in linja ta' danni s-somma ta' tlitt mija wiehed u sebghin lira Maltin hamsa u sittin centezmu (LM371.65,0) kwantu ghall-tlitt mija sitta u erbghin lira Maltin hamsa u sittin centezmu (LM346.65,0) lill-kumpanija attrici bhala s-somma li sburzat taht il-polza u kwantu ghal hamsa u ghoxrin lira Maltin (LM25) lill-attur bhala s-somma li bata minn butu;**

**3. Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-10 ta' Jannar 2000 u dik kontestwali lill-assikurazzjoni tal-konvenut u bl-interessi ta' 8% fis-sena mill-11 ta' Jannar 2000 kontra l-konvenut li gie mharrek ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata s-16 ta' Jannar tas-sena 2001 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

**1. Illi t-talbiet attrici kif dedotti fl-avviz prezenti ghandhom jigu respinti fil-konfront ta' l-eccipjenti, stante illi l-incident de quo sehh minghajr ebda tort imputabbli lill-eccipjenti, izda sehh unikament minhabba traskuragni, negligenza, imperizja jew nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' Mario Campolo, li kien qed isuq il-vettura proprjeta' ta' l-attur Simon Zammit, kif jista' jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza;**

**2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Rat in-nota ta' osservazzjonijiet ta' l-atturi;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentant legali tal-konvenut;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

1. **Illi l-incident in dizamina sehh ghall-habta ta' l-10.00 a.m. tad-29 t'Awissu ta' l-1998 go Zabbar Road kantuniera ma' Triq ir-Rihan il-Fgura u fih kienu involuti l-vetturi wahda tal-marka Citroen bin-numru ta' registrazzjoni BAO-342 misjuqa minn Mario Campolo, u l-vettura tal-marka Morris bin-numru ta' registrazzjoni JAH-101 misjuqa minn Vincent Farrugia;**

2. **Illi mill-iskizz ipprezentat fl-atti ta' din il-procedura jidher assodat li l-vettura assigurata mas-socjeta' attrici kienet gejja minn Triq ir-Rihan u dahhlet f'Zabbar Road;**

3. **Illi ghandu jkun konstatat li Triq ir-Rihan hi wahda sekondarja mentri Zabbar Road hi wahda principali;**

4. **Illi Triq ir-Rihan hi kontrasenjata bi "Stop Sign" qabel ma konducent jaccedi ghall-Zabbar Road;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi mir-rizultanzi tal-kaz jidher li ma kien hemm l-ebda ostaklu vizwali fuq Campolo u ghalhekk ma kellu xejn x'jimpedilu l-vista tat-traffiku gej minn Zabbar Road;**

**Illi ghalhekk ir-regolamenti vigenti jobbligaw jieqaf kompletament, jippermetti t-traffiku f'Zabbar Road jghaddi kollu, u wara jisporgi f'dik it-triq;**

**Illi hu abbundantement ovvju li dan ma ghamlux;**

**Ghaldaqstant filwaqt li tirespingi t-talbiet kollha attrici, tilqa' l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut bl-ispejjez kontra l-atturi.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**